MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 1223/2009

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Larson Pace, iben Gerolamo, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ April, 1980, Karta ta’ l-Identita numru 209280(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-6 ta’ Novembru, 2009 għal ħabta tas-2.30 p.m. ġewwa Triq san Mikiel, Bormla ħebb għal Ali Ibrahim Eldessouki u ikkaġunalu ġrieħi ta’ natura gravi skond ma ċċertifika Dr. John Cutajar ta’ l-Isptar Mater Dei;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;
3. talli fis-6 ta’ Novembru, 2009 għal ħabta tas2.45 p.m. ġewwa l-għassa tal-pulizija ta’ Bormla hedded lil Ali Ibrahim Eldessouki bil-kliem li ser joqtlu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(d), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------